MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 1097/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**
**vs**
**Jason Ghigo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jason Ghigo ta ’23 sena iben Carmelo u Mary Ann nee’ Cilia imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru 1987, residenti 1 Blk 16 E Triq il-Gendus, Bormla u detentur tal-karta tal-identita’ numru 548087(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Mejju 2011, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Appropja, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, is-somma ta’ aktar minn is-somma ta’ Euro

2097 ghad-dannu ta’ Ghaqda Muzikali Santa Marija, Ghaxaq liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

2. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemment l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn Euro 2097 ghad-dannu ta’ Ghaqsa Muzikalli Santa Marija, Ghaxaq;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Novembru 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta’ Novembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-10 ta’ Novembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll kkunsidrat l-fatt li l-parti civili nforma l-Qorti li l-ammont dovut huwa ta' €2097 u kkonferma li l-imputat wera d-disponibilita' li jhallas dan l-ammont lill-istess parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293, 294, 308, 309, 310 u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn(2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt(6) xhur millum ihallas l-Ghaqda Muzikali Santa Maria, Hal-Ghaxaq is-somma ta' elfejn u sebgha u disghin Ewro (€2097).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------